TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/171/14/S

Suzanne u Alfred Grixti
Vs
Ciapella Motors Limited

Illum 7 ta'Novembru,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Suzanne u Alfred Grixti pprezentata fit-23 ta'Lulju,2014 u r-risposta tas-socjeta Ciapella Motors Limited ipprezentata fid-9 ta'Settembru,2014;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom maghmula fis-17 ta'Settembru,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda vettura li ttiehdet ghand is-socjeta intimata biex tissewwa' ghal hsara li kellha izda skont ir-rikorrenti, il-vettura baqghet bl-istess problema li kellha qabel;

Illi jinghad mal-ewwel li ma tezisti ebda assikurazzjoni li vettura tissewwa' meta tittiehed ghand 'mechanic' u l-hlas hu marbut max-xoghol li talvolta jsir;

Illi ma giex pruvat li s-socjeta intimata thallset minghajr ma ppruvat isewwi l-vetturi in kwistjoni;

Illi t-Tribunal jirrileva li skont is-socjeta intimata kien difficli biex tinghata stima ezatt minn qabel pero kull konsumatur ghandu jkun infurmat kemm jista' jkun minn qabel bl-ispiza biex ikun jista' jiehu decizjoni infurmata jekk jitlobx tali servizz jew le;

Illi ma giex kontestat dak li intqal mir-rikorrenti u cioe li ma kinitx infurmata li t-tiswija kienet se tiswa' €129;

Illi dan irid ukoll jittiehed fl-ambitu li t-tiswija ma saritx ghas-sodisfazzjoni taghha;

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal mhuwiex konvint li t-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha fl-intier taghha;

Illi dan it-Tribunal ihoss li l-ammont ta' €100 huwa ragjonevoli meta tiehu in kunsiderazzjoni x'xoghol li sar fuq l-imsemmija vettura;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Suzanne u Alfred Grixti limitatament ghal dak li intqal qabel u Jordna lis-socjeta Ciapella Motors Limited thallas lura lil Suzanne u Alfred Grixti is-somma ta' €29 stabbilita *ex aequo et bono* filwaqt li l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-partijiet fi kwoti indaqs bejniethom.

Richard Sladden Av.
Arbitru